MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 348/2014

Appell Nru: 348/2014

Il-Pulizija

Vs

Mario Pisani

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Engilbert Zammit, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 277485M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Dicembru 2009 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Joseph Xerri detentur tal-karta tal-identita' numru 567365M, ai termini tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-20 ta' Awwissu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat dwar il-piena anke l-iskrittura privata ezebita bhala Dok JX2 (minnhom it-tnejn iffirmata), fejn jirrizulta li l-flus dovuti fil-konfront tan-negozju jammonta ghas-somma ta' sitt elef mija u tnejn u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€6,172.84), u b'dan qieghda tikkundanna lil Mario Pisani ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghal Ordni ta' Restituzzjoni ghas-somma ta' sitt elef mija u tnejn u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€6,172.84), u dan ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema somma ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Tigbed ukoll l-attenzjoni, illi mbilli l-Qorti ma ssibx htija fil-kaz tas-somma kollha dovuta, m'ghandux jiftiehem minn Mario Pisani li gie mehlus mill-obbligu tal-hlas lil Xerri tas-somma kollha dovuta.

Il-Qorti fehmet lill-imputat bl-import ta' sentenza sospiza u Ordni ta' Restituzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Mario Pisani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Settembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevoka u tillibera lill-akkuzat mill-akkuza lilu addebitata u fin-nuqqas tinfliggi piena anqas harxa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-appellanti qatt ma' seta jigi misjub hati ta' misappropriazzjoni taht l-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-kwistjoni hawn ma kienitx wiahda reituza izda purament wahda ta' natura civili. Illi l-Ewwel Qorti tikkummenta fil-konsiderazzjoni taghha, li:

   'jista' jargument l-Avukat Difensur illi hawn si tratta biss ta' lanjanza civili wkoll, pero' certament din ma teskludix ir-reita da parti ta' Pisani' (pg. 10 para 3).

   Illi bid-dovut rispett apparti l-kumment gratwitu fil-konfront tad-difiza, li kellha tghid l-Ewwel Qorti, kien l' ghaliex u x'inhuma dawk ir-ragunijiet 'l ghaliex hija hasbet li ma' jkellhiex tigi eskluza r-reita f'dan il-kaz. Illi jekk wiehed jifli b'reqqa sentenza jara bid-dovut rispett li l-Qorti ma tat ebda raguni dwar l'ghaliex skond hi, f'dan il-kaz kien hemm affarjiet ohra presenti li jmorru lil hinn minn semplici negozju. Illi bid-dovut rispett, li ma' semmiet xejn konvenjentement dwaru l-Ewwel Qorti kien il-fatt, li fid-depozizzjoni tieghu l-istess kwerelant jghid li huwa ghaz li jmexxi bi proceduri penali mhux ghaliex hawn si tratta ta' kaz kriminali, izda ghaliex ma riedx jonfoq

flus biex jibda′ process civili imbghad jkollu r-riskju li xorta ma jigbor xejn. Sfortunatament minflok ikkoreggietu sabiex ma′ jahlix risorzi u hin tal-Qorti, l-istess Ewwel Qorti legittimat u ‘qdiet′ ir-ragunament akkademiku skorrett tal-kwerelanti;

Illi l-element kriminali f′dan il-kaz ma′ jezistix ukoll, ghaliex wiehed minn l-elementi rikjest f′dan ir-reat u li l-oggett ikunt ta′ haddiehor., Illi issa hawn f′dan al-arrangament l-flus ma kienux biss ta′ haddiehor ghaliex (1) il-kwerelanti ma kellux x′jaqsam mal-bejgh tal-vetturi u kellu x′jaqsam biss mas-self moghtij u (2) l-appellanti kellu fil-gestjoni wkoll flejjes minn tieghu u dana b′mod li l-operat ma′ kienx fih biss flus ta′ haddiehor kif tiddisponi l-ligi izda kien sempliciment ftehim kummercjali li b′ebda tigbid tal-ligi ma′ kellu jwassal ghall-htija ta′ misappropriazzjoni;

Illi imbghad ic-cirasa kollha tal-karbuljata li holqot bir-rispett l-Ewwel Qorti bir-ragunament taghha, kien illi b′xi mod iddecidiet li cifra ta′ eluf tikkostitwixxi self ta′ natura civili, izda imbghad ghaliex l-appellanti kien bejgh b′ valur ta′ Ewro 6172.84 daka b′daqqa ta′ bakketta magika sar ammont kolpit minn elementi kriminali u dana bla nitfa spjega ta′ xejn. Mhux biss, izda tant huwa gustifikat l-argument tal-appellanti li huwa effettivament gie msijub hati ta′ ammont (6182.84) li anqas jikkonfigura ma′ dak li gie effettivament akkuzat bih u dak li rraporta l-kwerelant u dana ghaliex li kieku l-Ewwel Qorti b′rispett indenjat tara l-akkuza kienet tara li l-appellanti suppost li mizappropja skond il-kwerelanti kien is-somma ta′ Ewro 2329.37, Illi kif dina s-somma giet mizjuda ghal ammont indikat fid-decide huwa wkoll l-effett ta′ bakketta magika li tahdem dejjem kontra l-imputat minflok bil-maqlub skond l-insenjament guridiku li jghid li kull dubju (u hawn wiehed qed jitkellem dwar id-dubju fl-ammont kawza tat-tahwid propost mill-kwerelanti) ghandu jimmilita dejjem, favur l-akkuzat;

2. Illi t-tieni aggravju, f′kas li f′pessima ipotezi ma jigix akkolt l-ewwel aggravju jirrigwarda l-piena. Illi l-esponenti huwa cert, li l-piena inflitta ta′ tmintax il-xahar ghal-tlett snin habs sospizi fuq kwistjoni li hemm dubji u dubji serji

hafna kemm kellha tigi trattata minn Qorti ta' natura penali u anke l-ammont in kwistjoni, l-piena nflitta kienet wahda ghal kollox esegerata u li ma tirriflettix l-kaz in ezami;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Mario Pisani dahal f'negozju ma' certu Joseph Xerri sabiex isir bejgh ta' karozzi "second hand". Flimkien ma' dan il-progett Xerri kien sellef ammont ta' flus lil Pisani bl-obbligu ta' rifuzjoni minghajr intressi. Jidher illi l-operazzjoni kummercjali bdiet u nxtraw xi karozzi bil-flus illi Mario Pisani kien ircieva minghand Xerri. Però dan tal-ahhar zamm il-profitti ghalih u innega lil Pisani dak illi bi dritt kellu jircievi. Fis-sentenza l-Qorti tal-Magistrati qalet "tajjeb jew hazin, Xerri baqa' jafda lil Pisani, anki kif jghid hu stess bil-hsieb illi jekk jghinu jigbor flusu. Pisani, però issa bl-iskuza tal-mara Xerri, ghazel li ma jibqax ihallas. Mhux talli hekk, talli biegh il-vetturi u speed boat u arbitrarjament zamm il-qligh ghalih, mhux darba, izda tnejn tlieta. Ftit jista' jghid hawn illi ma kellux l-animo lucrandi ghax baqa' jaghmel l-istess u ma jaqsamx il-profitt!" Fuq dan l-argument l-ewwel qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu fis-somma ta' sitt elef, mija u tnejn u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmi (€6,172.84c) u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar sospizi ghal tlett (3) snin kif ukoll ordnatlu jirrestitwixxi s-somma lil Xerri fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-fatti. Argumenta illi hawn si tratta ta' kwistjoni civili bejn il-partijiet fejn wiehed sellef flus u l-iehor irid ihallas lura. Il-fatt illi baqa' moruz fil-pagamenti ma jfissirx illi l-appellant ghamel xi reat kriminali. L-ewwel Qorti qasmet ic-cifra mislufa u qalet illi kien biss l-ammont ta' cirka sitt elef ewro (€ 6,000) illi gew misapproprijati izda ma spjegatx ghaliex. Fl-akkuza l-appellant huwa addebitat biss b'misapproprjazzjoni ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37c) allura l-ewwel Qorti ma setghetx takkorda t-talba ta' sitt elef ewro (€6,000) kif ghamlet fis-sentenza.

Ikkunsidrat:

Jidher illi din ir-relazzjoni bejn l-appellant u Joseph Xerri tista' tinqasam f'zewg taqsimiet, wahda ta' natura civili u l-ohra ta' natura kummercjali. Taht l-ewwel wahda jaqa' s-self maghmul minn Xerri lill-appellant minghajr interessi waqt li l-aspett kummercjali huma l-flus mghoddija lill-appellant sabiex dan jiggestixxi negozju ta' karozzi "second hand" u l-qligh jinqasam bejn l-appellant u Xerri. L-appellant jghid illi kien imur kuljum fuq il-post tan-negozju biex jipprova jbiegh xi karozzi u meta dan sar, il-qliegh qatt ma gew maqsuma ma' Joseph Xerri.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ilment illi fl-akkuza hemm imsemmija biss elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37c) fejn allura l-ewwel Qorti ma setghetx takkorda aktar minn sitt elef ewro (€ 6,000) il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess akkuza fejn ic-cifra msemmija hija kondizzjonata bil-kliem "... ta' aktar ta' ..." li jfisser illi l-ammont misapproprijat jeccedi bil-bosta l-ammont indikat ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37c). ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn hazin fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li takkorda sitt elef, mija tnejn u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€ 6,172.84c) li kien l-ammont ikkalkulat minnha li l-appellant ircieva ghan-negozju tal-vetturi second hand. Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant jargumenta illi l-elementi ghar-reat ta' misapproprijazzjoni ma jissusstix il ghaliex Xerri ma kellux x'jaqsam mal-bejgh tal-vetturi u kellu x'jaqsam biss mas-self u, tnejn, illi l-appellant kellu l-gestjoni ukoll ta' flejjes tieghu b'dana mod illi l-operat ma kienx fih biss flus ta' haddiehor izda anki flus tieghu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan huwa l-kaz il ghaliex irrizulta ampjament mill-provi ili l-appellant kien jiggestixxi n-negozju fil-post tan-negozju tal-kwerelant u waqaf biss imur hemmhekk meta ma baqax ihallas lura dak illi suppost kellu jaghti lil Xerri. Rigward it-tieni ilment illi l-appellant kellu flejjes tieghu fil-gestjoni ta' dan in-negozju, dan bl-ebda mod ma gie ippruvat mill-appellant anzi jaccetta illi huwa kien

jircievi flejjes minghand il-kwerelant Xerri kemm bis-self u kemm sabiex jaghmlu negozju flimkien. Hawn fuq punt legali, l-Qorti taghmel riferenza ghall-awtur Maino (Commento al Codice Penale Italiano, Vol IV, para 1951, page 103) fejn l-awtur jikkummenta dwar l-artikolu 417 tal-kodici penali Taljan ta' dak iz-zmien illi huwa simili hafna kwazi kelma b'kelma ghall-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali. Il-Maino jghid "l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid, "la duplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nel articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirreferi ghall-awtur Carrara "La crimininosità incomincia soltanto quando con lui inverte la "causa possedendi" e per arbitrio suo sostituisce la "causa domini" (illegittima, perche contro la volontà del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita ...". U hawn qieghed ir-reat tal-appellant. Meta ircieva l-flus minghand il-kwerelant, l-appellant ma kellu l-ebda dritt idawwar dawn il-flus bi profitt ghalih ad eskluzjoni tal-kwerelant u biddel u sostitwixxa "causa possedenti" b'xi haga li ma kinitx konsentita mill-kwerelant.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-elementi ghall-misappropjazzjoni jissussitu kollha f'dan il-kaz u l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal din ir-raguni l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha inkluz l-ordni ta' restituzzjoni kif maghmul fl-istess sentenza liema ordni ghandha tibda tiddekorri fi zmien sitt (6) xhur mil-lum bl-istess caveat, illi mbilli l-Qorti ma ssibx htija fil-kaz tas-somma kollha dovuta ,m'ghandux jiftiehem mill-appellant li gie mehlus mill-obbligu tal-hlas lill-kwerelant ghas-somma kollha dovuta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------